**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 38/17AL

**AB**
**Vs.**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgħa (2007), u minn dan iż-żwieġ twieled tifel, il-minuri H D li twieled fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom li kopja tieghu qed tigi hawn anness u mmarkata Dokument "A");

2. Illi l-partijiet ottjenew is-seperazzjoni personali, in forza ta' kuntratt ta' seperazzjoni personali datat l- erbgħa (4) ta' April tas sena elfejn u ħmistax (2015) in atti tan-Nutar Dottor Sandra

Valentino, (kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B');

3. Illi għalkemm il-partijiet ma ilhomx legalment separati għal aktar minn erba' (4) snin, madanakollu, ilhom *de facto* separati tul dawn l-aħħar erba' (4) snin u huma jgħixu ħajja kompletament separati minn ma' xulxin; jiġi rilevat illi għalkemm il-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali b'mod formali f'April 2015, huma nfirdu minn ma' xulxin u bdew jgħixu separatament mis-sena elfejn u tnax (2012) u proceduri ta' medjazzjoni gew istitwiti fis-sena 2012 u kienu jgibu n-numru 987/2012, inoltre skont Klawzola 7d tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. B) ilhom ma jghixu flimkien mit-28 ta' Frar 2012;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn ħames (5) snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

5. Illi ma hemm ebda pendenza dwar ħlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-oħra, u dan anke għaliex, in forza tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti mhijiex qed tippercepixxi ebda manteniment minghand l-intimat. Oltre dan, l-intimat qed ihallas sehmu mill-manteniment dovut ghat-tifel minuri H;

6. Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma suffiċjenti sabiex jissodisfaw l-kriterji kollha meħtieġa għall-otteniment tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66 tal- Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Frar, 2017;

Rat illi l-intimat u l-avukat difensur tieghu debitament notifikati imsejjhin tlett darbiet ma dehrux fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2017;

Rat illi l-intimat ipprezenta affidavit bil-gurament tieghu illi permezz tieghu qabel illi gew sodisfatti il-kundizzjonijiet kollha mehtiega biex zwieg jigi mahlul;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' April 2015 u de facto separati ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.